**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Antonio Andolfo**

Kaz Numru: 117/17

Illum 9 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Antonio Andolfo, ta' 48 sena, iben Giuseppe u Giovanna nee' Andolfo, imwieled Catania fil-5 ta' Novembru 1968 u residenti 'Rybo Jackle Stable', Triq is-Serkin, Marsa, detentur ta' karta tal-identita' 140422(A):

U nakkuzah talli nhar it-08 ta' Marzu 2017 bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl (22:00Hrs - 00:00Hrs) gewwa l-istabbiliment 'Fresh Direct' li jinsab 743,Triq l-Ifran il-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommettejt serq ta' dokumenti, flus kontanti u cekkijiet, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.31), bil-persuna, bil-hin u bil-mezz ghad-dannu ta' Charmaine Kitcher u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 263,267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif mghotija nhar is-06 ta' Settembru 2016, mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

4. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 20, 49, 50, 261(b)(c)(d)(f), 263, 267, 268(a), 270, 278(3) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fl-konfront tieghu u tikkundannah ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija.

Inoltre' l-Qorti qeghda tirrendi operattiv il-perjodu ta' sitt xhur prigunerija moghti fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2016.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**